MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 438/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jennifer Anne Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jennifer Anne Cassar talli fit-22 ta’ Marzu 2007 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

(1) Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita` kompetenti b’reat, fil-waqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, halfet falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu setgha b’ligi li jaghti l-gurament;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'qerq holqot jew gieghlet tidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b'qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 101(1)(a), 108(1) u 110(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmija Jennifer Anne Cassar hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija, liema perijodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie sospiz ghal perijodu ta' sentejn. Inoltre poggiet lill-hatja taht ordni ta' supervizjoni ghal perijodu ta' sentejn matul liema perijodu l-hatja Jennifer Anne Cassar ghandha tiehu l-kura psikologika u/jew psikjatrika li tigi ndikata lilha mill-ufficjal sorveljanti. Inoltre dik il-Qorti kkundannat lill-hatja Jennifer Anne Cassar thallas is-somma ta' erba' mija u tmien liri u sittax-il centezmu (Lm408.16) – disa' mija u hamsin euro u sitta u sebghin centenzmi (Euro 950.76) – rapprezentanti spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u/jew periti liema somma ghandha tithallas fi zmien erbgha xhur (4) mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta' Dicembru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi mal-piena zzid l-interdizzjoni generali u tikkonferma s-sentenza fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li ghalkemm l-ewwel Qorti sabet htija, pero` fil-piena naqset li zzid l-interdizzjoni generali ai termini ta' l-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali.

L-Avukat Generali ghandu ragun. L-appellata giet dikjarat hatja, fuq ammissjoni taghha, tar-reati kontemplati fl-artikoli 101(1)(a), 108(1) u 110(1)(2) tal-Kodici Kriminali. Issa, l-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

**"(1) Il-qorti ghandha, meta tikkundanna lill-hati ghad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.**

**"(2) Din l-interdizzjoni tkun ghaz-zmien minn hames snin sa ghaxar snin fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, u ghaz-zmien minn ghaxar snin sa ghoxrin sena f'kull kaz iehor imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."**

L-applikazzjoni ta' l-interdizzjoni hi ghalhekk tassattiva (**"ghandha"**). Fil-kaz in ezami mbaghad hi applikabbli l-interdizzjoni ghall-perijodu minn ghaxar snin sa ghoxrin sena. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi b'zieda mal-piena nflitta mill-ewwel Qorti, a tenur ta' l-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellata wkoll ghall-interdizzjoni generali kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal perijodu ta' ghaxar snin millum, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna li, a

tenur ta’ l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din is-sentenza tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------